



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16173/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0350(NLE)

JAI 1706
COPEN 456
EPPO 10
FIN 1370
GAF 29

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 746 final
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 746 final.

Mehmuż: COM(2022) 746 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2022
COM(2022) 746 final

2022/0350 (NLE)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE)
2017/1939**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) ġie adottat fit-12 ta' Ottubru 2017 u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017¹. L-UPPE assuma l-kompiti ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni mogħtija lill-b'dan ir-Regolament fl-1 ta' Ġunju 2021. L-UPPE huwa responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq għall-ġustizzja tal-awturi u l-kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371² u ddeterminati mir-Regolament (UE) 2017/1939.

F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Prosekuturi Ewropej huma parti mill-livell ċentrali tal-UPPE. Flimkien mal-Kap Prosekutur Ewropew, il-Prosekuturi Ewropej kollha, jiġifieri, Prosekutur Ewropew wieħed għal kull Stat Membru li jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE, jiformaw il-Kulleġġ tal-UPPE. Il-Kunsill ħatar l-ewwel 22 Prosekuturi Ewropej tal-UPPE f'Lulju 2020³.

Il-mandat tal-Prosekuturi Ewropej huwa ta' sitt snin u l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jestendih għal massimu ta' tliet snin (l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939). L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li kull tliet snin jenħtieġ li jkun hemm sostituzzjoni parzjali ta' terz mill-Prosekuturi Ewropej u jirrikjedi li l-Kunsill jadotta regoli tranżizzjonali għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej għall-ewwel perijodu tal-mandat u matulu. Abbażi ta' dan, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/598 tad-9 ta' April 2019⁴, li tipprevedi li l-mandat tal-Prosekuturi Ewropej minn tmien Stati Membri, iddeterminat bix-xorti, jenħtieġ li jkun ta' tliet snin u jenħtieġ li ma jiġġeddidx. Il-mandat ta' dawn il-Prosekuturi Ewropej għalhekk se jiskadi f'Lulju 2023.

L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill jenħtieġ li jagħżel u jaħtar wieħed mill-kandidati nnominati mill-Istati Membri għall-kariga ta' Prosekuturi Ewropej wara li jkun irċieva l-opinjoni motivata tal-bord tal-għażla msemmi fl-Artikolu 14(3) tal-istess Regolament. F'konformità mad-dispożizzjoni tal-aħħar, il-bord tal-għażla jenħtieġ li jkun magħmul minn tnax-il persuna, li għandhom jinħatru mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni, u magħżula minn fost eks membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Awdituri, eks membri nazzjonali tal-Eurojust, membri tal-qrati supremi nazzjonali, prosekuturi ta' livell għoli u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Waħda mill-persuni magħżula jenħtieġ li tiġi proposta mill-Parlament Ewropew. Il-mandat tal-membri attwali tal-

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1–71

² Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29–41

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1117 tas-27 ta' Lulju 2020 li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ĠU L 244, 29.7.2020, p. 18–20

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/598 tad-9 ta' April 2019 dwar ir-regoli tranżizzjonali għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej għall-ewwel perijodu ta' mandat u matulu, previsti fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 103, 12.4.2019, p. 29–30

bord tal-għażla skada jiskadi fid-9 ta' Ottubru 2022, f'konformità mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1275⁵.

Peress li l-bord tal-għażla jeħtieġ li jiġġedded sabiex iwettaq l-intervisti tal-kandidati nnominati mill-Istati Membri għas-sostituzzjoni ta' tmien Prosekuturi Ewropej, il-Kummissjoni pproponiet ~~tippromponi~~ Deċiżjoni tal-Kunsill għall-ħatra tal-membri tal-bord fit-**28 ta' Ottubru 2022⁶**. Wara l-adozzjoni tal-proposta, wieħed mill-membri proposti mill-Kummissjoni u magħżul minn fost prosekuturi ta' livell għoli beda funzjonijiet ġodda fil-Ministeru għall-Ġustizzja. B'konsegwenza ta' dan, huwa ma baqax jikkwalifika bħala "prosekutur ta' livell għoli", kif meħtieġ mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Sabiex tissostitwixxi l-membri proposti li sar ineliġibbli, il-Kummissjoni tippromponi kandidat ieħor magħżul minn fost prosekuturi ta' livell għoli. Il-membri kollha proposti b'din il-proposta emendata jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq stabbiliti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Waħda mill-persuni magħżula ġiet proposta mill-Parlament Ewropew fis-7 ta' Ġunju 2022. Meta ppproponiet tnax-il membru tal-bord tal-għażla, il-Kummissjoni qieset il-ħtieġa li tiżgura bilanċ f'termini ta' distribuzzjoni ġeografika, ġeneru u għarfien tas-sistemi legali tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-UPPE ġie stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2017/1939, li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 86 TFUE. L-UPPE ilu jeżerċita l-funzjonijiet mogħtija lilu mir-Regolament (UE) 2017/1939 mill-1 ta' Ġunju 2021. Billi tippreżenta din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla, il-Kummissjoni qed tikkonforma mal-obbligu tagħha skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Din il-proposta tippermetti l-ħatra ta' membri ġodda tal-bord tal-għażla, peress li l-mandat tal-membri attwali ~~mistenni jiskadi~~ skada fid-9 ta' Ottubru 2022, f'konformità mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1275. Il-ħatra tal-bord tal-għażla mill-Kunsill imbagħad tippermetti t-tnedija tal-proċeduri meħtieġa biex jissostitwixxu tmien Prosekuturi Ewropej fl-2023 u, fejn xieraq, Prosekuturi Ewropej oħra u l-Kap Prosekutur Ewropew. Din il-proposta hija għalhekk konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika rispettiv.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta għall-ħatra tal-membri tal-bord tal-għażla prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 tista' ssir biss mill-Kummissjoni u għalhekk hija kompetenza esklużiva min-natura tagħha, li mhijiex soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1275 tat-18 ta' Settembru 2018 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 238, 21.9.2018, p. 92–93

⁶ Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, COM(2022) 564 final

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġġettivi proposti u hija għalhekk konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din il-proposta hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-Prosekuturi Ewropej u l-Kap Prosekutur Ewropew ikunu jistgħu jiġu sostitwiti fi tmiem il-mandat tagħhom, u b'hekk tiġi żgurata l-kontinwità fl-attivitajiet operazzjonali tal-UPPE.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla fuq proposta tal-Kummissjoni. L-għażla tal-istrument propost hija għalhekk meħtieġa mil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kwistjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Minħabba n-natura teknika ta' din il-proposta u n-nuqqas ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissjoni, li qed tikkonforma mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ma twettqux evalwazzjonijiet *ex post*, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjonijiet tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Minħabba n-natura ta' din il-miżura, ma hemm l-ebda hteġġa għal pjanijiet ta' implimentazzjoni u lanqas għal arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar.

- **Spjegazzjoni ddettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jipprevedi li t-tmax-il persuna elenkati fih jenħtieġ li jinħatru bħala membri tal-bord previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 għal perijodu ta' erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ imsemmija fl-Artikolu 2.

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("1-UPPE")⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kap Prosekutur Ewropew jinħatar mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill minn fost il-kandidati magħżula mill-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Il-Prosekuturi Ewropej jinħatru mill-Kunsill minn fost tliet kandidati kwalifikati nnominati minn kull Stat Membru wara li jkunu rċevew opinjoni motivata minn dak il-bord tal-għażla.
- (2) Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/598⁸, il-mandat tal-Prosekuturi Ewropej minn tmien Stati Membri, iddeterminat bix-xorti, jenħtieġ li jkun ta' tliet snin u jenħtieġ li ma jiġġeddidx. Il-mandat ta' dawn il-Prosekuturi Ewropej għalhekk se jiskadi f'Lulju 2023.
- (3) Il-mandat tal-membri attwali tal-bord tal-għażla ~~jiskadi~~ **skada** fid-9 ta' Ottubru 2022, f'konformità mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1275⁹. Għalhekk għandhom jinħatru membri ġodda.
- (4) Il-bord tal-għażla għandu jkun magħmul minn tnax-il persuna, magħżula minn fost eks membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Awdituri, eks membri nazzjonali tal-Eurojust, membri tal-qrati supremi nazzjonali, prosekuturi ta' livell għoli u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta.
- (5) Wieħed mill-membri tal-bord tal-għażla għandu jkun propost mill-Parlament Ewropew. Fis-7 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew innomina lis-Sa Margreet Fröberg bħala membru tal-bord tal-għażla.
- (6) Il-Kummissjoni qieset il-ħtieġa għal bilanċ ġeografiku, bilanċ bejn il-ġeneri u rappreżentanza xierqa tas-sistemi legali tal-Istati Membri li jipparteċipaw

⁷ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/598 tad-9 ta' April 2019 dwar ir-regoli tranżizzjonali għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej għall-ewwel perijodu ta' mandat u matulu, previsti fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 103, 12.4.2019, p. 29–30.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1275 tat-18 ta' Settembru 2018 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 238, 21.9.2018, p. 92–93.

f'kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE għas-sħubija fil-bord tal-għażla.

- (7) Fost il-ħdax-il persuna proposti mill-Kummissjoni, hemm eks membru tal-Qorti tal-Ġustizzja, eks membru tal-Qorti tal-Awdituri, eks membru nazzjonali tal-Eurojust, sitt prosekuturi ta' livell għoli u żewġ membri tal-qrati supremi nazzjonali, li minnhom hemm sitt irġiel u ħames nisa.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li jinħatru l-membri tal-bord tal-għażla,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għal perijodu ta' erba' snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ imsemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni], il-persuni li gejgin għandhom jinħatru membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939:

Is-Sur Jean-François BOHNERT

Is-Sur Vítor Manuel DA SILVA CALDEIRA

Is-Sur Peter FRANK

Is-Sa Margreet Fröberg

Is-Sa Ulrike HABERL-SCHWARZ

Is-Sa María Ángeles GARRIDO LORENZO

Is-Sa Saale LAOS

Is-Sur Ján MAZÁK

Is-Sur Marin MRČELA

Is-Sur **Lorenzo SALAZAR** Antonio MURA

Is-Sa Martine SOLOVIEFF

Is-Sa Tuire TAMMINIEMI.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*